MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Numru 700/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**VS**

**RONNIE MUSCAT**

**Illum 27 ta' Jannar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ronnie Muscat ta’ 24 sena bin France u Joan nee’ Pace imwieled fil-Pieta’ tal-1 ta’ Jannar 1979 u li joqghod fil-fond numru 203, Triq Stefano Zerafa, Marsa, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ numru 56279 M;

Talli fit-2 ta’ Lulju, 2002, ghall-habta ta’ l-4.00 ta’ wara nofsinhar, fi Triq l-Imtiehen fil-Belt, Valletta kkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla ta’ James Marshall mill-Fgura liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta’ stereo tal-marka ‘blaupunkt’ mill-vettura ta’ l-ghamla Volkswagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni SMK 187 ghad-dannu ta’ l-istess James Marshall mill-Fgura liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess James Marshall mill-Fgura, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500);

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta’ wara dawn id-data, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati, b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruqa.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Abigail Lofaro LL.D u mill-Magistrat Dott. Noel Cuschieri LL.D. datati 17 ta’ Marzu 2000 u 14 ta’ Novembru 2000, rispettivament.

U finalment talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 261(b)(c)(g), 263, 267, 271(g), 278, 279, 325, 334, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, u l-Artikolu 10(1)(a) tal-Kapitolu 152;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-istess imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien sentejn (2) mil-lum a tenur ta’ l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152, that is-sorveljanza tal-Probation Officer Carmen Borg, li kull sitt (6) xhur, ghandha tirraporta bil-miktub dwar l-andament ta’ l-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------